

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1086/2008

tal-5 ta' Novembru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1438/2003 li jippreskrivi regoli ta' implementazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jistipula li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi livelli ta' referenza għal kull Stat Membru espressi fTG u kW għall-kapaċċità totali tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru. Il-livelli ta' referenza ġew stabbiliti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1438/2003 tat-12 ta' Awwissu 2003 li jippreskrivi regoli ta' implementazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 (²).
- (2) Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1438/2003, dak ir-Regolament japplika għall-kapaċċità tas-sajd tal-bastimenti tal-Komunità bl-eċċeżżjoni tal-bastimenti użati fl-akkwakultura jew irreggistrati fir-reġjuni l-iktar 'il bogħod ta' Franzia, il-Portugall u Spanja.
- (3) In-nota (1) ta' qiegħ il-paġna ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1438/2003 tistipula li l-livelli ta' referenza jistgħu jiġi riveduti biex jitqiesu bastimenti li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 2002 iżda li ma kinux koperti mill-MAGP IV jew li ma kinux irreggistrati fid-data meta testiet it-tabella Annessa.

(4) Fis-26 ta' Settembru 2006, l-Olanda infurmat lill-Kummissjoni li għadd ta' bastimenti, li l-kapaċċità tagħhom hija attwalment inkluża fil-livell ta' referenza għal dak l-Istat Membru, huma eskluvvavament użati għall-akkwakultura u talbet lill-Kummissjoni tnaqqas il-livell ta' referenza għall-kapaċċità tas-sajd totali tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera Olandiżha bi 15 540 GT u 39 258 kW.

(5) Il-livell ta' referenza attwali għall-flotta Irlandiżha ma jinkludix parti mill-bastimenti fuq skala żgħira mmirata speċjalment għal tipi li mhumiex suġġetti għal kwota. Għalkemm il-kapaċċità ta' dawn il-bastimenti kienet inkluża fl-ghajnejiet ta' MAGP IV, ir-reġistrazzjoni ta' dawn il-bastimenti ma kinitx lesta fiż-żmien meta ġew stabbiliti l-livelli ta' referenza. Fl-4 ta' April 2008, l-Irlanda ressqet il-lista finali tal-bastimenti lill-Kummissjoni u talbitha temenda l-livell ta' referenza għall-flotta Irlandiżha kif xieraq. Barra minn hekk, hu meħtieġ li wieħed iqis il-kapaċċità tal-bastimenti tat-tħammil li jistadu għall-molluski li ma kinux irreggistrati qabel. Konsegwentement, il-livell ta' referenza għall-Irlanda għandu jogħla b' 1 719 TG u 14 608 kW.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1438/2003 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

(²) ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21.

ANNESS

"ANNESS I

Livelli ta' referenza minn Stat Membru⁽¹⁾

Stat Membru	Livelli ta' Referenza l-1 ta' Jannar 2003	
	R(TG) 03	R(kW) 03
Il-Belġju	23 372	67 857
Id-Danimarka	132 706	459 526
Il-Ġermanja	84 262	175 927
Il-Greċja	119 910	653 497
Spanja (eskuža l-kapaċità rreġistrata fil-Gżejjjer Kanarji fil-31-12-2002)	728 344	1 671 739
Franza (eskuži l-għanijiet ta' l-MAGP IV għas-segmenti tad-Dipartimenti Barranin Franċiżi)	230 257	920 969
L-Irlanda	88 700	244 834
L-Italja	229 862	1 338 971
L-Olanda	197 599	487 809
Il-Portugall (eskuži l-għanijiet ta' l-MAGP IV għas-segmenti ta' l-Azores u Madeira)	171 502	412 025
Il-Finlandja	23 203	216 195
L-Iżveċċja	51 993	261 028
Ir-Renju Unit	286 120	1 129 194
Total	2 367 830	8 039 571

(¹) Il-livelli ta' referenza jistgħu jiġu riveduti biex jitqiesu bastimenti li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 2002 iżda li ma kinux koperti mill-MAGP IV jew li ma kinux irreġistrati fid-data meta t-testiet din it-tabella."